MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 463/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Spiteri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Carmelo Spiteri fuq talba tal-Awtorita` tal-Ippjanar talli nonostante li kellu rifjut fuq applikazzjoni tiegħu stess numru P5429/95 għall-bdil tal-użu biex jinkludi 'pig farming' u 'pig

breeding' u nonostante li ħareġ Avviż sabiex jieqaf u ta' twettiq numru ECF 215/94 biex jieqaf immedjatament l-iżvilupp li jikkonsisti f'bini u strutturi oħra mingħajr il-permessi meħtieġa, baqa' għaddej bil-'pig farming' u 'pig breeding' illegalment bi ksur tal-artikolu 56(3) tal-Att tal-1992 u 56(1)(a) tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jiġu applikati l-provvedimenti kontemplati fil-paragrafu hawn taħt imsemmija:

(a) il-provvedimenti kontemplati fl-artikolu 56(1) tal-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp li jikkonsisti fi ħlas ta' multa bejn mhux anqas minn ħames mitt lira (Lm500) u mhux iżjed minn ħamsin elf lira (Lm50,000);

(b) il-provvedimenti kontemplati fl-artikolu 56(2) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp fejn il-Qorti, minbarra li tagħti l-piena msemmija fis-suabartikolu (1) ta' l-artikolu 56, tordna lill-ħati biex ineħħi l-kawża tar-reat u li jreġġa' lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess jew li jħares il-kundizzjonijiet imposti fil-permess, skond il-każ, fi żmien biżżejjed għal dak l-iskop, iżda f'ebda każ iżjed minn tliet xhur mid-data tas-sentenza kif jiġi stabbilit mill-Qorti, u jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, jeħel multa ta' mhux anqas minn ħamsa u għoxrin lira u mhux iżjed minn ħamsin lira, kif il-Qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2009 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 56(1)(a)(c), 56(2) tal-Kap. 356 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carmelo Spiteri ħati ta' l-imputazzjoni dedotta u (a) kkundannatu tlett elef euro multa (€3000.00) liema multa tista' titħallas b'rati ta' €200 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mid-data tas-sentenza appellata, u jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi

parti minnha ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux b'dan pero` li ma jinqabzux 180 jum pri[unerija; (b) ordnat li fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza l-imsemmi Carmelo Spiteri jneħħi l-bini kollu li kellu x' jaqsam mal-applikazzjoni P5429/95 li tella' mingħajr permess u jreġġa' lura kull ħaġa li saret mingħajr it-tali permess. Jekk dan ma jsirx fiż-żmien mogħti lilu, ikun ikkundannat iħallas multa ta' €58.23 kull jum għaż-żmien kollu li huwa jibqa' inadempjenti;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmelo Spiteri ppreżentat fl-10 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati ta' l-imputazzjoni u kwindi tilliberah skond il-liġi; subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena aktar ġusta u ekwa;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' Dorianne Ciantar; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konsiderazzjoni ta' l-artikolu 52(7) tal-Kap. 356 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmilha ċara illi Avviż maħruġ ai termini ta' dak l-Att jieqaf milli jkollu effett, ghħajr għall-effett li jwaqqaf, f'każ li persuna notifikata bl-istess Avviż tissottometti applikazzjoni sabiex tirregolarizza l-iżvilupp in kwistjoni fi żmien ħmistax-il jum minn meta dik il-persuna tiġi notifikata – l-imputazzjoni odjerna ġiet għalhekk dedotta intempestivament; (2) li, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-imputazzjoni dedotta mhijiex sostenibbli għax il-prosekuzzjoni ma ressqitx l-aħjar prova dwar (a) l-eżistenza o meno ta' permess ta' żvilupp u liċenzja għal 'pig farming' u 'pig breeding', (b) fhiex kienu jikkonsistu l-istrutturi llegali u meta nbnew; (c) prova permezz ta' perit indipendenti maħtur mill-Qorti sabiex jiġi stabbilit l-istruttura kif effettivament hi u jekk l-istrutturi oriġinarjament identifikati bħala llegali kinux għadhom hemmhekk; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-premess, is-sentenza appellata

ma tindikax bi kjarezza liema bini jrid jitneħħa; (4) li, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-piena ma tirriflettix il-principji ta' proporzjonalita` u ekwita`.

**6.** B'referenza għall-ewwel aggravju, l-appellant jgħid illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tippekka legalment stante li tonqos milli tieħu konjizzjoni ta' u tapplika l-artikolu 52(7) tal-Kap. 356 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jgħid illi dan l-artikolu jagħmilha ċara illi Avviż maħruġ ai termini tal-Kap. 356 jieqaf milli jkollu effett, għajr għall-effett li jwaqqaf, f'każ li l-persuna notifikata bl-istess Avviż tissottometti applikazzjoni sabiex tirregolarizza l-iżvilupp in kwistjoni fi żmien ħmistax-il jum minn meta tiġi notifikata. L-appellant josserva ulterjorment:

"Illi mill-provi preżentati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti jirriżulta li l-esponent kien ġa` ppreżenta applikazzjoni ta' żvilupp bin-numru PA 04297/94 intiża sabiex tirregolarizza dak li allegatament kien bla permess fuq is-sit. Dan jikkonfermah l-istess rappreżentant ta' l-Awtorita` cioe` x-xhud Omar Mizzi fejn a fol. 17 jixhed kif isegwi:

"'*Xhud: Fuq is-sit hemm applikazzjoni għadha pendenti sa issa 4297/1994 u bħalissa għadha pendenti għand l-Appelli. Ser tidher fit-23 ta' Novembru 2005.*

*Avukat: L-applikazzjoni sanatorja tkopri l-infingements on site?*

*Xhud: Dik l-applikazzjoni hija l-extension, two pig units on existing farmhouse. Iva dik fil-fatt tissana dawn l-iżviluppi jekk tiġi milqugħa.'"*

"Jirriżulta mill-proċess li nonostante dan l-artikolu tal-liġi li jipprojbixxi lill-Awtorita` milli tieħu passi pendenti deċiżjoni finali minn l-applikazzjoni, l-Awtorita` xorta waħda pproċediet bl-akkużi odjerni bl-iskuża ta' applikazzjoni oħra cioe` dik bin-numru PA 5429/95 li ġiet rifjutata. L-esponent jirrileva li l-probabilita` hija li l-Awtorita` pproċediet xorta waħda għalkemm mhux konfortata mil-liġi in vista ta' l-insistenza kontinwa ta' Albert Chetcuti li kien il-persuna li *di principio* ressaq l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' l-esponent quddiem il-MEPA u li xehed a fol. 24 tal-proċess. Din l-Onorabbli Qorti tista' tivverifika hi stess kemm l-insistenza ta' din il-persuna f'ċertu stadji marret ukoll oltre dak li tippermetti l-liġi stante li fl-istess proċess wieħed isib ittra mibgħuta minn Albert Chetcuti direttament lill-Maġistrat li kien qed jisma' din il-kawża (ara fol. 77 *et seq* tal-proċess). Dan qed jingħad b'kull rispett versu l-Onorabbli Qorti, li żgur ma ġietx influwenzata minn dan l-aġir, iżda unikament sabiex jipprova sa fejn kien jasal l-istess

Albert Chetcuti, sabiex bi kwalunkwe mezz, jagħlaq l-attivita` ta' l-esponent u għalhekk il-konsegwenti prerssjoni fuq l-Awtorita` sabiex teħles mill-każ u titfgħu fi ħdan il-Qrati. Kien ukoll għal dawn ir-raġunijiet li saħansitra l-Ombudsman intervjena mal-MEPA tul il-mori tal-vertenza u avża li legalment ma setgħetx tkompli tieħu passi sakemm l-applikazzjoni PA 0427/94 tkun deċiża b'mod finali. Dan jirriżulta wkoll mix-xhieda tar-rappreżentant ta' l-Awtorita` Omar Mizzi a fol. 8 tal-proċess fejn jixhed is-segwenti:

*"'fit-23.04.1996 irċevejna ittra mingħand l-Ombudsman li din l-ittra kienet tgħid li ma tistax tittieħed l-ebda azzjoni mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar sakemm għad hemm appell pendenti li hu fuq dak il-PA 4297/94 li sallum għadu pendenti.'"*

"L-appellant umilment jissottometti, bir-rispett kollu, li jidher li għal xi raġuni dan id-dettal sfuġġa lill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni tagħha u jissottometti li la darba l-artikolu 52(7) tal-Kap. 356 ma jipprovdi l-ebda eċċezzjoni għas-sospensjoni ta' l-effett ta' l-Avviż, per konsegwenza l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet obbligata tieħu konjizzjoni ta' dan il-fatt u tillibera l-imputat mill-akkużi dedotti kontra tiegħu in vista ta' l-intempestivita` tagħhom."

**7.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet illi "din iċ-ċitazzjoni hija limitata għal dak l-iżvilupp li sar wara li l-imputat kien għamel applikazzjoni numru P5429/95 (fit-18 ta' Awissu 1995) għall-bdil tal-użu biex jinkludi *pig farming* u *pig breeding* u din l-applikazzjoni kienet miċħuda fl-24 ta' Lulju 1996." Mill-provi, pero`, jirriżulta illi l-partijiet li dwarhom qed tilmenta l-MEPA huma dawk il-partijiet li kienu <u>diga` ġew żviluppati</u> qabel ma saret l-imsemmija applikazzjoni. Aktar tard fl-istess sentenza fil-fatt jingħad illi skond ix-xiehda ta' Carmen Chetcuti sal-1993 il-ħnieżer kienu jkunu barra għax ma kellhomx fejn joqogħdu. L-ewwel Qorti qalet ukoll: "L-applikazzjoni tal-imputat tat-18 t'Awissu 1995 hija prova li parti minn dan l-iżvilupp seħħ wara l-1992. Għalhekk japplika l-Kap. 356 għal dak il-bini kollu li sar in konnessjoni ma' P5429/95." Skond l-ewwel Qorti, l-iżvilupp imsemmi fl-imputazzjoni sar wara l-1992 u dan sar bla permess. Issa, l-ewwel Qorti tgħid illi l-bini mmarkat bl-aħmar (fid-Dok. OMD a fol. 49) inbena bejn l-1988 u l-1994. Pero` din il-Qorti hi tal-fehma, mill-provi li nġabu, li x'seta' nbena wara l-1992, jekk inbena, ma jirriżultax.

**8.** Issa, huwa minnu illi l-applikazzjoni P5429/95 kienet ġiet miċħuda u ma ġietx appellata, iżda kien hemm pendenti applikazzjoni anteċedenti PA 04297/94 li kienet għadha fi stadju ta' appell. Din l-applikazzjoni kienet tipproponi *"Extension of pig units in existing farmhouse as well as roofing in r.c. slabs of units X/Y and m/n in lieu of existing corrugated sheeting"*. Din l-applikazzjoni kienet saret sabiex tissana l-iżvilupp li kien għamel l-appellant. Dorianne Ciantar, is-segretarja tal-Bord tal-Appelli tal-MEPA, xehdet quddiem din il-Qorti li d-deskrizzjoni ta' din l-applikazzjoni pendenti hija *"Change of use to include pig farming and pig breeding, ta' Misraħ Strejnu Pig Farms, Sqaq il-Brieqex, Triq Strejnu, Misraħ Strejnu, Zejtun"*. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ordnat li "**fi żmien tliet xhur** mid-data ta' din is-sentenza, l-imputat ineħħi l-bini kollu li kellu x'jaqsam mal-applikazzjoni P5429/95 li l-imputat tella' mingħajr permess, u li jreġġa' lura għal kull ħaġa li saret mingħajr it-tali permess." Pero`, bejn l-applikazzjoni PA 04297/94 u l-applikazzjoni P5429/95, u lanqas wara l-ħruġ tal-avviż ta' twettiq u nfurzar, ma hemmx prova li sar żvilupp ulterjuri. Jiġifieri ż-żewġ applikazzjonijiet kienu jkopru wkoll dawk il-partijiet li fil-pjanta OMD a fol. 49 jidhru mmarkati bl-aħmar u bl-aħdar.

**9.** Li hemm partijiet fuq l-art ta' l-appellant li ġew żviluppati mingħajr permess huwa minnu iżda l-artikolu 52(7) tal-Kap. 356 (l-artikolu viġenti fi żmien il-każ odjern) kien jipprovdi:

> **"Meta ssir applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp qabel ma jiskadi l-perijodu msemmi fil-paragrafu (b) tas-sub-artikolu (6) ta' dan l-artikolu:**
>
> **(a) biex jinżammu fuq l-art xi bini jew xogħlijiet li għalihom avviż ta' twettieq ikun jirreferi; jew**
>
> **(b) biex jitkompla l-użu ta' l-art li għalih l-avviż ta' twettiq ikun jirreferi,**
>
> **l-avviż għandu, dwar kull ħtieġa minbarra dik li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar xogħlijiet jew żvilupp jew li tirrikjedi t-twaqqif ta' użu, jieqaf milli jkun operattiv**

**sakemm l-applikazzjoni tiġi maqtugħa b'mod finali, u jekk il-permess li għalih tkun saret l-applikazzjoni jingħata u jsir operattiv, l-avviż ta' twettieq ma jkollux aktar effett".**

**10.** Issa, f'dawn il-proċeduri ma ġietx ippreżentata kopja ta' l-avviż ta' twettiq u nfurzar tad-29 ta' Awissu 1996, u għaldaqstant ma nġabitx l-aħjar prova tal-kontenut ta' tali avviż. M'hemm l-ebda prova, pero`, illi wara l-ħruġ ta' l-avviż ta' twettiq sar żvilupp ulterjuri mill-appellant. Jirriżulta żgur illi l-appellant għandu liċenzja mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd biex iżomm, irabbi u jsemmen numru ta' majjali. Il-MEPA tgħid illi dwar il-parti murija bl-isfar fil-pjanta OMD a fol. 49 m'għandhiex oġġezzjoni. Dwar il-bqija, għad hemm pendenti l-applikazzjoni 4297/94 li tkopri l-iżvilupp li għamel l-appellant mingħajr permess. Għalhekk dawn il-proċeduri kontra l-appellant kienu intempestivi.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiddikjara li l-azzjoni li ttieħdet kontra l-appellant hija intempestiva stante illi għad hemm pendenti l-applikazzjoni 4297/94, u għaldaqstant tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha, u tiddikjara li l-proċeduri li ttieħdu kontra l-appellant huma nulli u bla effett.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------